# MIKIEL ANTON VASSALLI kif jidher f'"Taħt Tliet Saltniet", fi "Id-Dinja Rota" u f'"Vassalli u Żminijietu"

Ta' ALBERT J. BORG

Ir-rumanz storiku f'idejn l-akbar parti ta' awturi li ħaddmu dan il-ġeneru letterarju, għandu karatteristika, li tagħżlu minn rumanzi ta' xeħta oħra: il-ġrajja tinbena madwar karattri storiċi, jew għallinqas dawn il-karattri għandhom sehem importanti fl-iżvilupp tar-rumanz. Ġużè Muscat Azzopardi f'"Nazju Ellul" u Ġino Muscat Azzopardi fi "Anġli tan-Niket" jitkellmu dwar il-figura storika ta' Dun Mikiel Xerri; f'"Taħt Tliet Saltniet" l-enfasi qiegħed fuq Mikiel Anton Vassalli.

S'hawnhekk dawn l-awturi mexjin skond il-ħsieb ta' Alessandro Manzoni (1785-1873) li f'"I Promessi Sposi" kellu l-istess fehma li wera fit- traġedji storiċi tiegħu, bħal "Il Conte di Carmagnuolo" u "Adelchi". Manzoni ried igħaqqad flimkien storja maħsuba ma' perijodu storiku, impinġi hekk kif kien u mogħni b'ħafna karattri storiċi li jidhru kif fil-fatt kienu, waqt li l-karattri misthajla kellhom jidhru kif kieku kienu jkunu. Mela Manzoni, u bħalu dawn ir-rumanziera Maltin li semmejna, huwa interessat fl-awtentiċità storika.

F'"Id-Dinja Rota," Ġużè' Galea jagħżel figura storika oħra biex idaħħalha fir-rumanz tiegħu: Ċensu Barbara, Malti avventurier u intriganti. Naħseb nistgħu ngħidu li Galea jitbiegħed mill-idejal Manzonjan u joqrob iżjed lejn ir-romantiċiżmu ta' Sir Walter Scott.

Scott (1771-1832) lura fiż-żmien, jieħu karattri storiċi magħrufin, jibni madwarhom storja ta' avventura, li turina xi ftit mill-ħajja ta' żminijiet imgħoddija. Imma Scott ma jagħtiniex studju storiku profond: huwa jikkuntenta b'analiżi superfiċjali u ma jistudjax l-istituzzjonijiet storiċi li kienu l-qofol ta' xi perijodu storiku li fuqu jitkellem, bħal ngħidu aħna, il-knisja fiż-żminijiet tan-Nofs li Scott bilkemm isemmi.

Bħalu, Galea jerġa' joħloq l-atmosfera romantika ta' eroj u avventurieri, u ta' dami li jintrebħu b'turija ta' ħila u ta' kavallerija. Għalkemm id-dettalji storiċi m'humiex preċiżi, xorta waħda għadna nieħdu gost bix-xogħlijiet ta' Scott, u bħalu, ta' Galea. F'qagħda tix-

xiebah ma' din, insibu lil Alexandre Dumas pére, (1803-70) li xtaq jippreżenta l-imgħoddi b'mod popolari biex kulħadd ikun jista' japprezzah u jieħu gost bih. Filwaqt li kien iqabbad min jagħmillu t-tiftix storiku, Dumas kien jinxteħet għall-kitba, imma fl-istess ħin, ftit kien iħabbel rasu dwar il-verità storika. Kull ma kien jenħtieġ kien perijodu storiku tajjeb biżżejjed għalih biex fih ikun jista' jinseġ avventuri eċċitanti mimlija b'karattri qalbiena u avventuriera, kif insibu fit-trilogu tiegħu "Les Trois Mousquetaires," "Vingt ans après," u "Le Vicomte de Bragelonne," flimkien mar-rumanz l-ieħor famuż tiegħu "Le Comte de Monte Cristo."

Galea għalhekk, jigglorifika lil Ċensu Barbara, imma sfortunatament jinfexx xi ftit f'patrijottiżmu parrokkjali. Dan ma nistagħġbux bih meta niftakru li dan il-ġeneru letterarju jippermetti lill-awtur li jimraħ fil-wisa' u għalhekk hija ħaġa faċli li jintilef il-bilanċ fl-element soġġettiv. Dan nistgħu narawh ukoll f'"Taħt Tliet Saltniet" fejn Aquilina jigglorifika lil Vassalli u jħares 'l isfel lejn il-bqija tan-nies, minkejja l-idejali għal soċjetà aħjar li jipprova jfisser, attitudni li jesprimi hu stess fid-daħla tar-rumanz tiegħu ("Wara Tliet Snin") 'Misereor super turbam.'

Wara li rajna xi ftit it-tradizzjoni letterarja tar-rumanz storiku Malti, naraw issa il-kwadru ta' M. A. Vassalli li jagħtina Ninu Cremona fil-bijografija tiegħu, flimkien mal-karattru li joħolqu Ġużè Aquilina u Ġużè Galea fir-rumanzi tagħhom.

Ngħidu mill-ewwel li kif mill-kronoloġija komparata tal-ħajja ta' Vassalli kif insibuha f'dawn it-tliet xogħlijiet u li qiegħda fl-aħħar ta' dan l-istudju, Ġużè Aquilina huwa fidil għall-ġrajjiet storiċi, filwaqt li jadattahom biex jaqduh fil-ġrajja li jrid jagħtina. Naħseb ta' dan ma nistgħux nikkundannawh mingħajr ma nikkundannaw ukoll kittieba bħal Scott u Dumas.

Cremona jgħidilna li Mikiel Anton twieled fil-5 ta' Marzu, 1764, minn Grabiel u Katerina Vassallo, u li kellu żewġt aħwa, Savier u Marċella. Wara li miet żewġha, Katerina reġgħet iżżewġet fl-1770 lil wieħed Gejtan Mifsud.

Mikiel Anton nerġgħu nisimgħu bih fl-1790 meta filwaqt li kien Ruma jistudja, ħareġ l-ewwel xogħol tiegħu stampat għand Folgoni: "Alfabet Malti mfyser byl Malti u bit-Talyan." Is-sena ta' wara ħareġ

grammatika Maltija bil-Latin: "Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis," stampat ukoll għand Folgoni. Mikiel Anton kellu issa sebgħa u għoxrin sena. Fl-1793 ħareġ traduzzjoni u kummentarju ta' tliet lapidi Għarab li Itaqa' magħhom Sqallija: "Tria Monumenta Lapidea Sepulchralia Kufico-Arabico-Sicula, ecc."

Bejn l-1794 u 1795 insibuh f'Malta fejn ressaq talba quddiem il-Gran Mastru biex jiftaħ skola pubblika u jgħallem fiha l-qari u l-kitba bil-Malti. Fl-1796 ħareġ vokabolarju Malti jismu "Ktyb yl Klym Malti mfisser byl-Latin u bit-Talyan sive liber dictionum Melitensium."

S'issa kellna ħjilijiet tax-xejriet patrijottiċi ta' Vassalli mill-istudji tal-Malti li ippubblika, urina fid-daħla għall-vokabolarju tiegħu dawn ix-xejriet jieħdu sura definita. Vassalli jistqarr li jixtieq ineħħi minn għajnejn il-Maltin il-għamad li sa dak iż-żmien kien żammhom daqshekk lura. Għalhekk insibu li Vassalli kien beda jagħmel isem għalih u għall-ħabta tas-sena 1797 kien magħruf diġa bħala bniedem tal-iskola li kellu ħeġġa kbira għall-idejat patrijottiċi tiegħu. Dawn l-idejat ma kinux biss xi ħaġa fl-ajru, għax fil-fatt Vassalli ippreżenta Memorjal lill-Ordni fejn jissuġġerixxi x'passi prattiċi għandhom jittieħdu biex titjieb il-qagħda tal-Maltin taħt il-ħakkiema tagħhom. Hawnhekk Cremona jikkwota lill-istoriku Panzavecchia li fix-xogħol tiegħu "Ultimo Periodo della Storia di Malta sotto il Governo dell'Ordine" jikkonferma l-għanijiet tajba u siewja li kellu Vassalli u jgħidilna x'kien fih dan il-Memorjal. Vassalli jirrakkomanda li l-Ordni titlob dispensa lis-Santa Sede mir-raba' vot li l-Kavallieri kienu jieħdu li jiġġieldu kontra t-Torok. Jissuġġerixxi wkoll li l-Port ta' Malta jinfetaħ għall-kummerċ mal-Lvant u fl-aħħarnett jitlob li sakemm idum Malta, l-Ordni kellu jiftaħ lingwa oħra għall-Kavallieri Maltin.

Cremona jikkwota lil storiku Malti ieħor, Gio. Antonio Vassallo li jgħid li qabel ma Vassalli ndieħes mal-partit tal-Ġakbini, ippreżenta l-fehmiet tiegħu f'Memorjal li wera lill-Ordni.

F'"Taħt Tliet Saltniet" insibu lill-Priċep Kamillu jitkellem mal-Kavalier Enriquez Murillo fit-tverna ta' Dovik. Il-prinċep jirreferi għal Vassalli bħala "Il-Mexxej tan-Nazzjon Maltija" u jgħid li Vassalli se jibni din in-nazzjon fuq l-ilsien Malti.

Naraw hawnhekk xejra li m'hix ġdida għar-rumanziera Ingliżi. George Orwell (1903-50) meta kien żagħżugħ fis-servizz tal-pulizija

Imperjali f'Burma għadda, bħal ħafna oħrajn bħalu, minn kumpless psikoloġiku ta' ħtija ("guilt complex") minħabba fl-Imperjaliżmu ta' pajjiżu, u dan is-sentiment narawh imfisser fir-rumanz tiegħu "Burmese Days."

Fil-każ tagħna l-Prinċep Kamillu u ħafna minn sħabu l-Kavallieri Franċiżi bit-tifkira tal-idejali tar-Repubblika Franċiża ġdida, iħossuhom ħatja għax l-Ordni kien qed jaħkem fuq il-Maltin.

Mill-banda l-oħra naraw f'Murillo simbolu tal-Ordni li moħħu kif se jżomm fuq saqajh u ftit kien jimpurtah mill-ġid tal-Maltin. Murillo jgħid lil Kamillu:

> "Dan Mikiel Anton Vassalli tiegħek xi tridu jagħmel b'dawn il-ftit żrameġ Maltin?" (Kap.III)

jagħtina kwadru ta' Vassalli.

> "Għaref kien dar-raġel u daqshekk ieħor rasu iebsa li ma beżax jiġbed fuqu l-mibegħda ta' l-Ordni u l-istmellija tal-aristokratiċi Maltin ta' dak iż-żmien, li għaddewh ta' miġnun, talli fil- Mylsen Malti ħaqqaqha li lsien il-poplu hu "ilsien nazzjonali". Dagħwa bħal dik ma kinux se jaħfruhielu. Għamlu għalih biex isikktuh imma sabuħ sur jiflaħ li ma jiċċaqlaqx quddiem il-balal tal-ilsna ħżiena." (Kap.XIV)

Jgħidilna wkoll dwar il-memorjal ta' Vassalli u jurina li kien raġel kbir għax kien jara 'l bogħod. Imma l-Ordni lil Vassalli ma tatux widen u meta ra hekk Vassalli ndieħes mal-partit tal-Ġakbini biex dak li ma kisibx bl-argumenti, jiksbu bil-forza. Aquilina fid-deskrizzjoni tal-Festa ta' Ħal Tarxien iġibilna lil żewġ raħlin jitkellmu dwaru.

> "Mhux minn dejjem kellu għalihom (i.e. għall-Kavallieri)," igħid wieħed minnhom, imma mindu sar jaf bil-ħama ta' ħajjithom u bil-għawġ ta' fehmithom. Qabel kien jemmen bihom, imma meta ma seta' jieħu xejn tajjeb għal Malta minn għandhom ra li m'aħniex għal ma' xulxin u telaq għal rasu." (Kap.VII)

Minn hawn naraw li Aquilina jaqbel ma' dak li jgħid l-istoriku Gio. Antonio Vassallo kif ikkwotah Cremona: Vassalli ipprova jsewwi bil-kelma t-tajba u qaleb għall-forza biss meta ma rnexxilux jikseb bil-paċi l-ġid li xtaq għal Malta.

Nistgħu ngħidu li fil-kwadru ta' Vassalli f' "Taħt Tliet Saltniet" jidħol ħafna l-element soġġettiv tal-awtur. Ir-rumanz inkiteb fi żmien meta

l-Moviment għall-Maltin kien, tista' tgħid, fl-aqwa tiegħu, u ftit wara l-awtur kellu jieħu f'idejh il-kattedra tal-Malti fl-Università, it-tieni wieħed wara Vassalli stess. Għalhekk dan il-karattru storiku narawh imdawwar f'ċertu dawl, qisna qed naraw xi bniedem meraviljuż, qawwi u qalbieni fil-ġlieda tiegħu għall-Malti. Dan l-awtur jagħmlu b'riferenzi mxerrda matul ir-rumanz. Hekk isejjaħlu

> "dak ir-raġel ta' fehma u rieda sħiħa, iż-Żebbuġi tal-karattru tal-ħadid." (Kap.XIV)

Għaż-żgħażagħ Ġakbini, Vassalli huwa l-eroj idejalizzat.

> "Dak il-bniedem li ż-żgħażagħ tar-Rivoluzzjoni Maltija sejħulu 'Mgħallem' għax għal Ġanni dak ir-raġel kien it-tixbiha tal-idijiet ta' Malta l-ġdida, Malta żagħżugħa, art ta' nies rajhom f'idejhom u mhux iżjed mistmellin bħala ġens ta' nies li ma jistħoqlux ġieh." (Kap.XIV)

Kemm Aquilina kif ukoll Cremona jgħidulna dwar il-Konfoffa ta' Ħal Lija. Fiha l-Ġakbini ftiehmu li jqumu kontra l-Ordni u jġagħlu 'l-Kavallieri jitilqu minn Malta. Aquilina jagħtina ħafna dettalji li kollha jgħinu biex ipinġu l-atmosfera ta' dak iż-żmien: il-laqgħa bil-moħbi f'dar taħt l-art, u l-mifraq tal-Mewt u tal-Ħajja. u fil-qofol ta' kollox tidher il-figura ta' Vassalli, il-"Mexxej tan-Nazzjon Maltija",

> "raġel għoli, ġbinu wasa', għajnejh bil-leħħa tal-fehma qawwija, fommu żgħir f'wiċċ wasa' u t-taħrika ta' ġismu ħafifa u nervuża. Kien Mikiel Anton Vassalli, ir-raġel Kbir ta' Malta. Waqaf iħares għal ftit, għoli qisu kolonna... id-dawl tat-torċi bidluh fi bniedem ta' dinjiet kbar. Għoli fil-ġisem, għoli fil-fehma ta' ħbiebu, sar qisu Erkole tal-għajta kbira li hi theddida u li hi rebħa." (Kap.XVI)

Fid-diskors ta' Vassalli f'din il-Konfoffa, jidher il-ħsieb tiegħu: t-tkeċċija tal-Ordni, il-ftuħ tal-kummerċ mal-Lvant u t-tagħlim tal-Malti. Fuq kollox Vassalli huwa r-ruħ tar-Rivoluzzjoni:

> "Vassalli erħilu jagħmel il-ħila lil min jidher beżgħan u jfakkarhom li l-ebda rebħa kbira ma saret mingħajr sagrifiċċju, li l-ewwel Malta mbagħad aħna. Kien qisu nar għaddej minn xemgħa għall-oħra jixgħel il-mitfijin." (Kap.XVI)

Panzavecchia, Cremona u Aquilina kollha jsemmu li dak li kixef il-

Ġakbini kien missier wieħed minnhom stess, imma ta' min jinnota kif Aquilina għaraf ilibbes din il-ġrajja f'mod traġiku u realistiku li tispiċċa bis-sejba ta' katavru bir-ras imfarrka li x'aktarx kien l-imsejken Ċensu stess. Għandna kwadru tajjeb ukoll ta' missier Ċensu li azzarda jgħanni l-għanja tal-mewt aktar milli messu u spiċċa b'daqqa ta' sikkina f'għonqu.

Niġu issa għall-punt fil-ħajja ta' Vassalli li hi xi ftit kontroversjali, l-iżjed minħabba n-nuqqas ta' dokumenti. Wara li nkixfet il-Konfoffa, Aquilina jgħidilna li Vassalli ma ħarabx, għax

> "Il-bniedem kbir hu r-raġel li għall-prinċipju jagħti rasu, u Vassalli kien jagħtiha bil-qalb." (Kap.XIX)

Cremona jgħidilna li minn xi dokumenti magħrufa bħala l"-proċess ta' Vassalli" dan jidher bħala l-mexxej tal-konfoffa. Insibu wkoll li skond Panzavecchia, Vassalli u ħabibu Ċensu Barbara wrew ħila kbira fid-difiża tagħhom infushom u saħansitra l-Prosekutur Bonanni ma setax jaqbadhom fit-tweġibiet tagħhom għall-kotra tal-mistoqsijiet tiegħu. Barra minn hekk meta fl-aħħar staqsew lil Vassalli x'kien il-għan tiegħu, hu implika wkoll lil Ransijat (skond Panzavecchia) u lill-Prinċep Kamillu kif jidher minn dokument li fih dan il-Prinċep jipprova jiġġustifika lilu nnifsu mal-Gran Prijur Russu. Hawnhekk ukoll Aquilina jaqbel ma' Cremona imma ma jsemmix li waqt li kien il-ħabs Vassalli heddewh bil-mewt jekk jikxef l-isem ta' wieħed Balliju.

Għalkemm l-Ordni kien ħonoq għal ftit lill-Ġakbini, dawn xorta ma raqdux u raw kif għamlu u ħelsu lil Vassalli mill-ħabs. Gio. Antonio Vassallo jgħidilna li Vassalli ħarab mill-ħabs fuq bastiment Grieg u baqa' sejjer Salerno. Kif wieħed jista' jobsor ġrajja bħal din toffri opportunità sabiħa lir-rumanzier biex iżewwaq l-istorja tiegħu. Għalhekk Aquilina jġibilna l-firda u l-qsim il-qalb ta' Alessandru u Ġanni.

> "Dak iċ-ċafċif kien donnu qed jibki l-firda ta' Raġel minn pajjiżu, minn dak il-pajjiż li għamel ħafna għalih." (Kap.XXI)

L-awtur ikompli jgħidilna,

> "Vassalli deher qed iħoss ħafna u qabel ma nfired minnhom għannaqhom miegħu qisu kien missierhom. Beda jolfoq bħal tarbija..." (Kap.XXI)

S'issa f'"Taħt Tliet Saltniet" qisna konna qed naraw il-ġrajja storika b'mod glorifikat. Imma din il-ġrajja tintroduċilna lil Vassalli fir-rumanz

ta' Ġużè Galea. L-interess tiegħu huwa aktar skond it-tifsila ta' Scott. Is-Sinjura Bettina tindiehes mal-Kmandant ta' Sant Iermu, il-Kavallier Blacas u tħarrab lil Vassalli u ħabibu Ċensu Barbara bil-għajnuna ta' Ġorġ Barbara u Ewġen Manduca. Mill-ewwel naraw il-kuntrast kbir bejn il-Vassalli ta' Aquilina u dak ta' Galea.

> "Vassalli kien żagħżugħ ġwejjed, iħobb iżomm lura, il-kelma jaħsibha qabel jitfagħha u jitfixkel quddiem il-kbarat." (I.Kap.V)

Meta ħadu ż-żewġt iħbieb quddiem il-Kmandant,

> "Vassalli beda jteptep għajnejh u jdawwar rasu minn naħa għal oħra bħal wieħed li ma jafx jekk għandux jitkellem jew le." (I. Kap.V).

Mhux hekk ħabibu Ċensu li mill-ewwel jieħu bil-herra lill-Kavalier. Imma jekk Galea jagħtina Vassalli mgerrex, narawh ukoll ħabib lejali għax jaqtagħha li jmur ma' Ċensu biex jara lil missieru, li kien qed imut, għalkemm kienu għadhom fil-periklu.

Għand ta' Barbara, f'Ħal Qormi, nilmħu l-ewwel ħjiel ta' pika bejn Vassalli u Ewġen Manduca li meta ħares lejn Margerita, Vassalli lemħu u

> "kemmex moħħu u tbergħen, telgħetlu fawra għal wiċċu u qal b'leħen imdagħdagħ: 'Jien ma nitlaqx minn Malta'." (I.Kap.VII)

għax seta' jara l-ġibda ta' Ewġen u ħaseb ħażin fih meta hejjielhom passaġġ għal barra minn Malta:

> " 'M'iniex ħati biex naħrab minn din il-gżira,' tenna Mikiel Anton b'saħna. '(Mill-Kavallieri) ma nistenniex maħfra, imma jien ma nħallihomx jaqbduni.' "(I. Kap. VII)

Galea jkompli jgħid,

> "Vassalli xejn ma kellu ħajra għat-twegħir tal-partiti, imma kellu ġibda għall-istudju u għat-tagħlim: f'dik il-għorfa ta' ħabibu Ċilia li kien igħaddiha ġmielu medhi fil-kitba u fid-damma ta' qwiel li kien qiegħed jiġbor." (I. Kap. XII).

Galea jagħtina element ieħor f'Vassalli li ma nsibuhx f'Aquilina. Fi "Taħt Tliet Saltniet" Vassalli għandu ħafna mis-'superman,' 'Erkole ieħor,' kif sejjaħlu l-awtur, imma f' "Id-Dinja Rota" naraw il-figura ta' bniedem iddedikat għall-istudju u b'xi mod, mimli b'imħabba romantika għal Margerita, imħabba li qatt ma jasal biex ifisser sew imma dejjem jibqa' lura. Dan l-element ta' astrazzjoni, jew forsi aljenazzjoni, insibuh ukoll fl-

attitudini ta' Vassalli lejn il-Kanonku Caruana, dejjem skond Galea. Wara l-ħasda li kien ħa meta tnejn min-nies għamlu għall-messaġġier riekeb tal-Kanonku.

> "Vassalli sab ruħu bejn in-nar u l-ilma, lemaħ romblu karti fl-art, ġabru bil-ħatfa u baqa' sejjer bih." (I.KapXII)

Meta f'waħda mil-laqgħat fl-ispiżerija tas-Sur Slaw Vassalli jroddlu r-rombli lura, Caruana jibqa' jaħseb ħażin fih, għax qatt ma jkun żgur jekk Vassalli hux se jikxfu. Meta Vassalli laqa' l-istedina tas-Sur Parisio li joqgħod għandu fil-palazz tan-Naxxar, wara ftit jerġa' jinqabad u Galea joffrilna tliet spjegazzjonijiet: kienet l-għira ta' Ewġen Manduca, il-biża' tal-Kanonku Caruana, jew il-pika tal-Konti Manduca li Galea jgħidilna ma kienx jaqbel ma' Vassalli dwar il-fehmiet tiegħu fuq il-Malti, li reġgħu xeħtu lil Vassalli l-ħabs?

Vassalli reġgħu tefgħuh il-ħabs, imma għall-Ordni wkoll waslet is-siegħa tal-kontijiet. Fi kliem Aquilina,

> "Id misterjuża kitbet fuq il-ħajt Mane-Techal-Fares. Il-profeta ta' Malta, dal-kliem kien fissru minn żmien. Int ħkimt lill-Maltin. u lill-Maltin ma qisthomx fil-ħakma—issa żmienek ingħadd." (Kap. XXVII)

Skond Galea, Ċensu Barbara ħeles lil ħabibu billi appella lil Napuljun fil-palazz tas-Sur Parisio, il-Belt, imma minn Cremona u Aquilina nafu li Vassalli reġa' lura Malta ma' Napuljun stess. Ġanni jgħid lil Alessandru:

> "Jaħlef b'Napuljun u jemmen li Malta taħt il-Gvern tiegħu għanhda tintrefa' mill-għaks u mid-dlamijiet. Il-Franċiżi, qalli, ma jagħżlux bejn bniedem u ieħor, ġewwieni u barrani, bħall-Kavallieri; huma jitħalltu mal-Maltin u jnisslu l-ħajja ta' poplu ħaj ġo fina." (Kap. XXVIII)

Naraw li wara t-tbatija tal-ħabs dan il-bniedem igawdi l-ħbiberija ta' Napuljun u Aquilina jgħidilna li kien qisu "wieħed midħla tiegħu." Nafu wkoll minn Cremona, li Vassalli issa leħaq Ajjutant fil-Battaljun tal-Gwardja Nazzjonali.

Meta l-Kavallieri jkunu telqin minn Malta, Aquilina jġibilna inċident li fih jidher il-karattru ta' Vassalli donnu bil-maqlub ta' kif insibuh f' "Id-

Dinja Rota." Vassalli jiltaqa' maż-żewġ kavallieri li kienu daħku bih meta arrestawh wara l-konfoffa ta' Ħal Lija, u issa jgħidilhom:

> "Jien u intom konna l-qaddejja tal-istorja. Ma hix ħtija tagħkom jekk hi ħadet grazzja ma' ismi u mhix bi ħsiebha tħallih jintilef bħal tal-eluf u l-miljuni ta' bla isem!" (KapXXVIII).

x Imbagħad jersqu ż-żgħażagħ ħbiebu u jduru madwaru qishom studenti: hu jurihom il-kukkarda Franċiża fuq sidru, imma taħtha, fuq qalbu, Vassalli jgħożż il-kukkarda Maltija.

Miskin Vassalli, il-ħolma tiegħu malajr iġġarrfet. Meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi, hu sab ruħu magħluq ġewwa l-Belt u meta, skond Cremona, ħallewh joħroġ fit-28 ta' Settembru, 1799, arrestawh il-Maltin tal-kampanja u ħaduh priġunier Sant Anton. Wara għoxrin jum ħaduh il-qorti Kapitanali tal-Imdina, imma meta marad, fis-7 ta' Diċembru, 1799 ħaduh il-Kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat li dak iż-żmien kien qiegħed iservi ta' Sptar. Vassalli nafu li dam il-qorti Kapitanali fl-Imdina sas-16 ta' Settembru, 1800. Aquilina ma jidħolx f'dawn id-dettalji storiċi kollha, imma lanqas ma jmerihom; nisimgħu lil Ġanni jgħid lil Alessandru:

> "Ili ma narah. Imma l-aħħar li rajtu deher wiċċu mqarras. Naħseb li ra li Malta marret għall-agħar." (Kap.XXXI)

Jekk Aquilina għaraf iqiegħed il-ġrajja tiegħu skond l-istorja, naħseb li Galea jistħoqqlu mertu għall-imaġinazzjoni kbira tiegħu, u kif jinseġ il-fatti storiċi mal-ġrajja tiegħu u jġegħelhom jaqduh. Għalhekk wara r-rewwixta tal-Maltin, 'il Vassalli nsibuh għand ta' Barbara. Hu jiddispjaċih għax ma jistax jieħu sehem attiv fid-difiża ta' art twelidu, u jiftaħ qalbu ma' Anton Barbara:

> "Emminni Anton, ma nafx fejn nagħti rasi. Kull fejn indur ma niltaqax ħlief ma' tfixkil u twegħir." (5.KapVIII)

Galea jkompli jsammrilna l-fehma tiegħu dwar Vassalli b'dan il-kumment:

> "Vassalli li kellu wiċċu ma jaqilgħux u dejjem kien jibqa' lura." (5.KapVIII).

Iktar 'il quddiem narawh jitkellem ma' Ġorġ Barbara:

> "Mikiel int raġel bil-għaqal," igħidlu ħabibu, "u tħobb lil Malta: jiena naf li tixtieq tara lil din il-gżira tagħna ħielsa u stmata,

naf li tixtieq tfiehem lill-Maltin igħożżu lil arthom, 'l ilsienhom, u 'l dak li Alla tahom; naf kemm int u ħija Ċensu ħabriktu biex tqanqlu xejra ġdida fost niesna." (5. KapIX)

Imma jkompli jgħid Ġorġ:

"Lilu għajruh traditur, lilek igħidulek idejalist. In-nies ma jħabb-lux rashom bi ħsibijiet għoljin, in-nies iridu biss ħobż u qligħ." (5. KapIX).

Vassalli dal-kliem jħossu jolqtu mill-qrib u jwieġeb :

"Il-bniedem ikun hieni bil-ħobż u l-qligħ jekk fl-istess ħin ikun bla xkiel fi ħsiebu u f'għamilu, imma dan qajla jseħħ għax l-ebda Gvern ma jħalli n-nies ħelsin għal kollox." (5. KapIX).

Ta' min isemmi wkoll li Galea bl-immaġinazzjoni tiegħu jipprova joffrilna spjegazzjoni ta' xi fatti storiċi li nafu biss bihom. Hekk ngħidu aħna nafu storikament li Vassalli u l-Kanonku Caruana ma kenux jin-ġiebu. Imma Galea jipprova jagħtina raġuni: Vassalli jiġi f'idejh ir-romblu karti tal-kanonku u dan jibqa' jaħseb ħażin fih; f'laqgħa oħra fl-ispiżerija tas-Sur Slaw, il-ħbieb Maltin isiru jafu bir-riżenja tal-Kanonku mill-Kum-missjoni tal-Gvern taħt il-Franċiżi, u hawn Galea jġiegħel lil Vassalli jisraq l-espressjoni li Dun Mikiel Xerri jgħid lil Caruana f'Nazju Ellul:" "Li kont jien, mill-ewwel ma kontx nidħol." Caruana jkompli jimla rasu meta darba jilmaħ lil Vassalli jitkellem max-xrik tiegħu.

Ġorġ Barbara isiblu x'jagħmel lil Vassalli fl-armerija ta' Ħal Qormi fejn kien igħin lill-provveditur għall-ħtiġijiet tas-suldati Qriema, wara li l-Kanonku Caruana ma kienx ħallieh jidħol mal-Battaljun ta' pajjiżu. Minn hawn kien faċli għal Mikiel Anton li jżur lil ta' Barbara u jara 'l Margerita. Imma Ġorġ Barbara jaqtagħha li jibagħtu b'messaġġ għand Nelson, bħas-soltu Vassalli jinfixel, il-felukka Griega jwaqqfuha l-Maltin u Vassalli jsib ruħu fil-Kunvent ta' San Duminku marbut b'katina mas-sodda, għax Caruana fl-aħħar sab kif iwarrbu min-nofs. Meta ġew l-Ingliżi Malta, Ġorġ Barbara ħa lil Ball jara 'l Vassalli u dan ħelsu, u meta ż-żewġ suldati Franċiżi ħarġu mill-Belt biex jaslu għall-ftehim tal-paċi, kien Vassalli li mar magħhom bħala interpretu. Din il-biċċa kidditu wisq lill-Kanonku Caruana u fl-aħħar far:

"Mela dak il-bniedem dejjem insibu jfixkilni; l-ewwel ġew il-karti li kien bagħatli Bosredon, imbagħad insibu sejjer ikellem

> lil Nelson bil-moħbi; u issa wassal dawn iż-żewġ Franċiżi minn wara dahri!" (9. KapXII)

Nerġgħu issa għal "Taħt Tliet Saltniet" u nsibu li meta Ball ried jippremja lil Alessandru għall-ħidma tiegħu fost ħutu l-Maltin, dan talbu l-ħelsien ta' Vassalli u kontra qalbu Ball irrifjutah. Aquilina jgħid:

> "Il-liġi ma setgħetx tara f'Vassalli dak li naraw aħna, missier il-Maltin, l-ewwel wieħed li xeħet għajta kbira liż-żgħażagħ ta' dejjem: kieku l-liġi ma kenitx ġebla kieku kienet tintlewa quddiem raġel bħal dan u tagħtih qima." (Kap XXXIX)

Filwaqt li Galea jifhem li Vassalli bata l-ħabs kif ukoll l-eżilju, l-iżjed minħabba l-għira ta' xi wħud, Aquilina donnu jara proċess legali u leġittimu, li hu xorta ma jaqbilx miegħu:

> B'dan l-istorja tħallas lin-nies li jqegħdulha qawwija fuqhiex hi tkun tista' titla' ħalli ma tiġġarraf qatt.
>
> "Ħabs u ħarba batejthom għal Malta b'fehma bla mittiefsa; aħfru l-għeltijiet tiegħi li huma għeltijiet ta' mħabba żejda għall-istorja kbira li għad trid tkun." (KapXXXIX)

Għal Vassalli u xejn inqas għal Aquilina, din "l-istorja kbira li għad trid tkun" tasal, "meta l-Maltin jaqilgħu għajnejhom minn fuq il-barrani u jixħtuhom fuqhom infushom."

Ta' min isemmi li din ix-xena ta' Vassalli mdawwar biż-żagħżagħ qabel ma jitlaq tfakkar ħafna l-aħħar Ċena, meta Ġesù jkun imdawwar mill-Appostli u xi wħud minnhom isaqsuh jekk wasalx il-waqt li jerġa' jwaqqaf is-saltna ta' Iżrael. Aquilina jħobbhom dawn il-paralleli Bibliċi: f'dan ir-rumanz barra li semmejna issa, insibu lil Vassalli mxebbaħ ma' Danjel li fisser lis-Sultan it-tifsir tal-kitba misterjuża fuq il-ħajt tal-palazz. Fid-dramm tiegħu "Il-Bniedem li Ċaħdu," Aquilina kellu jagħtina l-iżjed parallel qawwi u komplet tiegħu, mal-ġrajja Evanġelika.

Skond Galea, meta Vassalli ħarġuh mill-Kunvent ta' San Duminku baqa' sejjer għand ta' Barbara, fejn sab il-faraġ tal-ħbieb, imma xorta ma weriex bid-deher l-imħabba tiegħu għal Margerita. Imbagħad tidher ftit imġebbda l-biċċa li biex igħaddi 'l quddiem ibnu Ewġen, il-Konti Manduca jnassas kontra Vassalli ma' Ball; u Ġorġ ukoll, biex jara lil oħtu miexja 'l quddiem ma jaqbiżx għal ħabibu, u b'hekk Vassalli tinqatagħlu

s-sentenza tal-eżilju, li skond Cremona saret fl-10 ta' Settembru, 1800, u sakemm instab vapur sejjer lejn Marsilja, Vassalli żammewh il-Kastellanja tal-Belt. Insibu li f'lejlet il-Milied tal-1800 Ball għamel żjara l-Kastellanja u Vassalli ressaq talba ta' maħfra, imma ma ngħatathilux, u dan l-iben ta' Malta ħalla art twelidu għat-triq twila tal-eżilju fil-15 ta' Jannar, 1801, fuq il-vapur "S. Nicola," li l-Kaptan tiegħu kien wieħed Grieg, jismu Anġelo Patriccio.

Cremona jgħidilna li sab iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Grabiel Vassallo, iben Mikiel Anton, li miet il-Furjana fit-30 ta' Lulju, 1863. Minn dan iċ-ċertifikat jidher li Grabiel twieled Marsilja fl-1814; għalhekk missieru aktarx kien qed igħix f'din il-belt, u nafu li martu kienet waħda Katerina Formosa de Fremaux li ltaqa' magħha meta kien eżiljat Franza.

Wara li jiddeskrivilna l-ħerba tal-pesta, u jurina l-atmosfera ta' biża' u d-dwejjaq li din ġabet magħha, Galea jġibilna lil Ġorġ Barbara jaqbeż għal Vassalli fl-eżilju, mal-gvernatur Sir Hildebrand Oakes u jaqlagħlu l-maħfra. Vassalli jerġa' lura Malta: Dovik Abela kien miet waqt l-Imblokk. Ewġen Manduca miet bil-pesta, u baqa' hu biss, mit-tliet żgħażagħ li riedu lil Margerita (irridu niftakru li f' "Id-Dinja Rota" Vassalli ma jiżżewwiġx Franza). Għalkemm wara tant żmien u tiġrib, Vassalli fl-aħħar ifisser imħabbtu lil Margerita, din tatu x'jifhem li hi kienet ċaħdet l-imħabba, u għalhekk neħħietlu kull tama u qatgħetlu qalbu darba għal dejjem.

L-aħħar kwadru li jagħtina Galea ta' Vassalli huwa fil-mewt tas-sinjura Rożanna Barbara. Mikiel Anton jaqsam mal-ulied Barbara n-niket tagħhom:

> "Mikiel Anton dawwar wiċċu n-naħa l-oħra għax ma felaħx jara dik id-dehra ta' qsim il-qalb." (12. Kap.XV).

Skond Cremona, l-ewwel darba li nerġgħu nisimgħu b'Vassalli huwa fl-1 ta' Novembru, 1820. F'dan il-jum deher avviż fil-gazzetta tal-Gvern: fih Mikiel Anton Vassalli joffri ruħu bħala surmast tal-Franċiż. Cremona jsemmilna wkoll li anki wara l-miġja tiegħu lura mill-eżilju Vassalli lil Kanonku Caruana ma sabux ħabib. Imma fl-aħħar inqala' bniedem kbir ieħor u studjuż bħal Vassalli: John Hookham Frère. Bħala chairman tal-Kunsill Ġenerali tal-Università, Frère fit-30 ta' Ottubru 1824 qara dis-

kors u fih semma pjan għaqli biex titwaqqaf skola ġdida għat-tagħlim tal-Malti. Fil-21 ta' Frar, 1825, insibu li l-membri ta' dan il-Kunsill qatgħuha li jaħtru lil Mikiel Anton Vassalli Professur tal-Malti fl-Università.

F'Mejju tal-1825 Vassalli ħareġ edizzjoni ġdida bit-Taljan tal-Grammatika tiegħu. F'din l-edizzjoni Vassalli aktarx ġabar il-lezzjonijiet tiegħu fl-Università. Sal-aħħar tal-1825 leħaq ġabar ukoll il-qwiel Maltin. Din il-ġabra stampaha fl-1828. Fl-1825 kellu lesta, wkoll, versjoni oħra tal-Vokabolarju tiegħu, din id-darba dizzjunarju Taljan-Malti. Ta' min isemmi li waqt dan ix-xogħol kollu ċ-Church Missionary Society kienet qabbditu jaqleb it-Testment il-Ġdid għall-Malti; u sabet ix-xogħol tiegħu ħafna aħjar minn dak ta' Canolo.

Ix-xogħol tat-traduzzjoni Vassalli ma leħaqx temmu għax wasal sal-Atti tal-Appostli. Mikiel Anton Vassalli miet fqir, imma miet igħix ħolma sabiħa li kellu biżżejjed fidi jemmen li għad trid isseħħ.

Wieħed mill-ħbieb ta' Vassalli kien Schlienz taċ-Church Missionary Society, u dan jixhed li Vassalli miet fi ħdan il-Knisja Kattolika.

Hekk seħħet it-tixbiha ta' Vassalli mal-profeta jħabbar qawmien ġdid meta Malta u l-Maltin ma jibqgħux iħarsu lein il-barrani imma jagħrfu l-identità nazzjonali tagħhom.

---

## NIFIRĦU

*Nifirħu bil-qalb kollha liż-żewġ Membri Akkademiċi, Onor. Dr. Anton Buttigieg u s-Sur Frans Ebejer li rebħu ż-żewġ premijiet tal-Konkors Letterarju mniedi mill-Gvern.*

*Dr. Anton Buttigieg hu magħruf bħala wieħed mill-aħjar poeti tagħna, filwaqt li s-Sur Ebejer għamel isem bħala dramatist mhux biss f'Malta iżda barra wkoll.*